*MINUTI*

*KUNSILL LOKALI ZURRIEQ*

*LAQGHA NUMRU TLIETA U ERBGĦIN*

*17 ta' Jannar, 2004*

*Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.05 ta' filgħaxija.*

*PREŻENTI*

*Is-Sindku Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Joseph D'Amato, l-Kunsillier Mario Sammut, il-Kunsillier Antonia Farrugia, l-Kunsillier Mario Ellul u l-Kunsillier Emanuel Briffa.*

*Il-Kunsillier Mark Spiteri kien preżenti mis-6.35pm 'il quddiem.*

*Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.*

*MINUTI*

*Is-Sindku Ignatius Farrugia ppresjeda.*

*Il-Kunsill osserva minuta silenzju b'rispett għal mewt tas-Sur Vincent D'Amato, missier il-Viċi Sindku.*

*Il-Viċi Sindku rringrazzja lil Kunsill u l-Membri kollha tal-istaff għas-soliderjeta li wrew mal-familja tiegħu.*

***43.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

*43.1.1 Il- Kunsillier Mario Sammut ressaq din il-mozzjoni:*

*43.1.2 "Il-Kunsill japprova l-Minuti ta' Laqgħa Numru 42 kif imressqa."*

*43.1.3 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph D'Amato u għaddiet nem.con.*

*43.1.4 Il-Kunsillier Mario Sammut informa lil Kunsill li fir-rigward tax-xogħlijiet fil-Mużew tal-Bniet tkellem mal-kuntrattur u hemm probabilita li dan jagħmilhom kulma hu meħtieġ mingħajr ħlas.*

*43.1.5 Fir-rigward ta' item 42.7.2 kien innotat li ma sar l-ebda żvilupp fir-rigward tat-tabella mal-konfini ta' Ħal Safi.*

*43.1.6 Fir-rigward ta' item 42.2.17 kien innotat li qed issir kull pressjoni possibli sabiex l-arblu msemmi jitneħħa.*

*43.1.7 Kienet inottata talba sabiex jiżdiedu l-ħofor tal-festa fi Triq PP Saydon mill-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria.*

*43.1.8 Il-Kunsill qabel li titella laqgħa mar-rappreżentanti taż-żewġ soċjetajiet mużikali, fejn fost kollox jiġi kkomunikat li l-ħofor mhux ser jiżdiedu għajr għal fejn jiġi effetwat bix-xogħol.*

*43.1.9 Is-Segretarju Eżekuttiv ta rendikont tal-progress li kien qed isir fuq il-proġett taċ-ċentru taż-Żurrieq.*

*43.1.10 Il-Kunsillier Mark Spiteri daħal għal-laqgħa f'dan l-istadju. (6.35pm)*

*43.1.11 Kien hemm qbil dwar l-andament tax-xogħlijiet kif ukoll li l-kuntrattur ikun mitlub iwaħħal tabella dwar il-proġett.*

*43.1.12 Il-Kunsill kien infurmat li ser issir laqgħa mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar Triq il-Karmnu.*

## *43.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku*

*43.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Membri li fil-Parlament kien qed jiġu diskussi diversi emendi għal liġi dwar il-Kunsilli Lokali, liema emendi kien ser jgħaddi kopja lil Membri kollha.*

*43.2.2 Il-Kunsill kien mgħarraf li bħala parti mill-iskema tas-servizzi tal-e-government, kienu ser jibdew jirreġistraw fl-uffiċċju tal-Kunsill, studenti sabiex jakkwistaw software tal-Microsoft.*

*43.2.3 Il-Kunsill ma qabilx li jagħti donazzjoni lis-St. Joseph Junior Lyceum, kif mitlub fl-ittra tagħhom tat-12 ta' Jannar, 2005.*

*43.2.4 Il-Kunsill kien infurmat bl-Iżviluppi li qed iseħħu fir-rigward tat-trasferiment mal-Kunsill tal-ħaddiema tal-IPSL, bħala parti mill-iskema tal-e-government.*

*43.2.5 Il-Kunsill kien infurmat li l-proġett fil-Mitħna tax-Xarolla, li qed isir bil-kollaborazzjoni tal-Awtorita tat-Turiżmu, kien tlesta u li qed isiru t-tentattivi sabiex isir il-ftuħ uffiċjali f'nofs Frar.*

*43.2.6 Il-Kunsill approva li l-Kulleġġ Universitarju G.F. Abela jżomm ikla f'Dar Mattia Preti kif ukoll li l-Membri tal-Kungress jitħallaw jżuru il-Mitħna tax-Xarolla mingħajr ħlas.*

43.2.7 *Il-Kunsill approva talba tas-Segretarju Eżekuttiv, sabiex hu flimkien mas-Sinjorina Charmaine Muscat jattendu għal kors ta' taħrig dwar il-finanzi li ser jitella mill-kumpanija TCTC.*

43.2.8 *Il-Kunsill inotta ittra mibgħuta lis-Sindku mill-Ministru Louis Galea sabiex ikun parti minn kumitat li ser iwaqqaf monument għal Dr.Carmelo Caruana.*

43.2.9 *Billi waslet biex tispiċċa l-leġislatura, l-Kunsill unanimament qabel illi jkun aħjar jekk jifforma parti mill-Kumitat is-Sindku li jiġi maħtur f'April li ġej.*

### 43.3 *Kunsiderazzjoni: Proposti mill-Kunsill taż-Żgħażagħ*

43.3.1 *Il-Kunsill iddiskuta l-proposti mressqa mill-Kunsill taż-Żgħażagħ u qabel li jkun fl-aħjar interess li dawn jitressqu lil Kunsill li ser jiġi elett f'April li ġej.*

### 43.4 *Proposta ta' Ġemellaġġ mal-lokalita Ġermaniża ta' Angermunde*

43.4.1 *Il-Kunsill kien mgħarraf illi minħabba ċirkostanzi partikolari ma sar l-ebda żvilupp iżda kien deċiż li jsir tentattiv uffiċċjali mis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tinġieb l-informazzjoni neċessarja.*

43.4.2 *Dan għandu jwassal lil Kunsill li ser jiġi elett biex jieħu deċiżjoni dwar dan il-ġemellaġġ billi s'issa l-kuntatti kienu tajbin u effettivi, bħalma kienu fil-passat mal-lokalita ta' Borgo Maggiore, li baqgħu ma wrew l-ebda nteress.*

### 43.5 *Increments fis-salarji tal-Impjegati*

43.5.1 *Wara li l-Kunsill ikkunsidra memorandum imħejji mis-Segretarju Eżekuttiv dwar dan is-suġġett, li kopja tiegħu hi anessa ma' dawn il-Minuti, kien unanimament approvat li l-proposti jidħlu fis-seħħ.*

### 43.6 *Kunsiderazzjoni: Tneħħija ta' Vetturi Abbandunati fil-lokalita*

43.6.1 *Il-Kunsill ikkunsidra memorandum imħejji mis-Sur Dennis Vassallo, Uffiċċjal Awtorizzat tal-Kumitat Konġunt responsabbli mid-delega tal-infurzar tal-liġi, li kopja tiegħu hi anessa ma' dawn il-Minuti.*

*43.6.2 Wara diskussjoni dwar il-proċedura, kien deċiż illi ssir verifika tar-rapporti li għandu l-Kunsill dwar vetturi abbandunati fit-toroq mill-ħaddiema tal-IPSL, bħala l-ewwel parti mill-proċess.*

*43.6.3 Kien ukoll approvat illi appena jsir dan, u jkun magħruf l-ammont ta' vetturi, l-Kunsill joħroġ offerta għal ġbir tagħhom skond ir-regolamenti li jitolbu l-liġijiet f'dan ir-rigward.*

*43.6.4 Sabiex il-pubbliku jkun infurmat kien ukoll approvat li ssir notifika fil-Kunsill News.*

## *43.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Xogħlijiet u Servizzi*

*43.7.1 Il-Kunsill qabel illi xogħlijiet ta' tindif f'żoni mhux urbani jsir fix-xahar ta' April.*

*43.7.2 Kien approvat illi jsir għoti mill-ġdid tas-sinjali tat-traffiku madwar il-lokalita, bl-istess kundizzjonijiet li saru meta kien twettaq programm simili.*

*43.7.3 Il-Kunsillier Emanuel Briffa nforma lil Kunsill li l-attivita li ttellgħet għall-anzjani f'Diċembru marret tajjeb ħafna u kien hemm qbil li lil min offra servizzi mingħajr ħlas għall-entertainment jiġi rikonoxxut.*

*43.7.4 Il-Kunsillier Briffa semma wkoll li kienet qed tiġi proposta attivita ta' ħarġa għall-anzjani fil-15 ta' Frar, liema proposta kienet approvata mill-Kunsill.*

*43.7.5 Ġew approvati xogħlijiet ta' tiswija ta' toroq fi Triq Wied iż-Żurrieq, Triq il-Qrendi, Triq iċ-Ċombini, Triq San Bartilmew, Triq San Luqa, Triq il-Bronja u Triq San Pawl.*

*43.7.6 Il-Kunsill approva li jsiru parking bays f'parti minn Triq Wied Babu.*

*43.7.7 Il-Kunsill approva li jsiru xogħlijiet bil-konkos f'passaġġ fi Triq il-Wied minħabba li dan jiġi utilizzat minn persuni f'siġġu bir-roti.*

*43.7.8 Il-Kunsill ma approvax li jsiru xi xogħlijiet fi Triq l-Inġiniera, konessi ma' bankini.*

*43.7.9 Il-Kunsillier Antonia Farrugia nfurmat lil Kunsill bil-preparamenti li qed isiru biex jitwaqqaf ir-reading club kif ukoll il-kors dwar il-manutenzjoni fid-dar.*

*43.7.10 Minħabba d-dewmien dwar ir-riallokazzjoni tal-Monti, l-Kunsill qabel li jitlob laqgħa urġenti mal-Kummissarju tal-Pulizija.*

43.7.11 *Il-Kunsill ikkunsidra l-ilmenti tar-residenti, mressqa għall-attenzjoni tiegħu mis-Segretarju Eżekuttiv.*

43.7.12 *Fir-rigward ta' lment numru 5/05, il-Kunsill approva li jsiru żewġ żoni għal ħatt/tgħabija ta' merkanzija fi Triq PP Saydon.*

43.7.13 *Fir-rigward ta' lment numru 9/05, dwar tibdil fid-direzzjoni ta' Triq iċ-Ċombini, l-Kunsill ma qabilx li għandu jsir xi tibdil, iżda qabel li għandu jiġi propost li parti minn Triq San Luqa ssir tippermetti traffiku miż-żewġ naħat biex ikun hemm aċċess għal Triq iċ-Ċombini.*

43.7.14 *Fir-rigward ta' lment numru 51/05, il-Kunsill ma approvat li jagħmel xi barriers quddiem ħanut fi Vjal il-Blu Grotto.*

***43.6.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti***

43.6.6 *Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti, l-kont tal-Petty Cash għax-xahar ta' Diċembru, talba ta' ħlas lura ta' spejjeż lura f'isem il-Kunsill mingħand is-Sindku, talbiet ta' ħlas għal overtime, u rifużjoni tas-servizzi mogħtija mit-Tribunal lill-iskrivani tal-Kunsill u talba ta' ħlas mingħand is-Sur Edward Camilleri għal kera annwali għas-sit li jospita t-Tribunal Lokali.*

43.6.7 *Il-Kunsillier Mario Sammut ressaq din il-mozzjoni:*

43.6.8 *"B'riżultat tad-diskussjoni li saret il-Kunsill japprova l-iskedi ta' pagamenti għat-total ta' Lm 21,718.16c u l-ħlas lura fil-kont tal-Petty Cash ta' Lm 70.75c, ħlas lura għal spejjeż magħmula f'isem il-Kunsill ta' Lm 9.30c lis-Sindku, ħlas lill-iskrivani għal overtime ta' Lm 76.52c u servizz lit-Tribunal Lokali ta' Lm 70.50c kif ukoll talba ta' ħlas għall-ammont ta' Lm 1,325 lis-Sur Edward Camilleri bħala kera annwali għas-sit li jospita t-Tribunal Lokali."*

43.6.9 *Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Mark Spiteri u għaddiet nem.com.*

***43.8 Mozzjonijiet***

43.8.1 *Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta kopja tal-mozzjoni mressqa mis-Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Mark Spiteri dwar proposta għal bdil fl-isem ta' Misraħ ir-Repubbblika, li kopja tagħha hi anessa ma' dawn il-Minuti.*

43.8.2 *Is-Segretarju Eżekuttiv qara wkoll ittra mibgħuta mis-Soċjeta Mużikali Santa Katarina V.M. dwar l-istess suġġett.*

*43.8.3 Is-Sindku fetaħ id-dibattitu dwar din il-mozzjoni billi stieden lil Membri biex jagħmlu l-intervent tagħhom.*

*43.8.4 Il-Kunsillier Mario Sammut semma li ma jaqbilx mal-kontenut tal-mozzjoni għax it-talba saret bħala sehem miċ-Ċentinarju tal-festa ta' Santa Katarina kif ukoll li jaqbel mal-proposti msemmija fl-ittra tas-Soċjeta Mużikali Santa Katarina u jara li jkun xieraq li l-Kunsill jagħti l-konribut tiegħu għal okażżjonijiet bħal dawn.*

*43.8.5 Il-Kunsillier Mario Ellul semma li jaqbel mal-proposti msemmija mill-Kunsillier Sammut u jara li jkun f'waqtu li l-Kunsill jikkunsidrahom malajr kemm jista jkun.*

*43.8.6 Il-Kunsillier Mark Spiteri semma li s-suġġett tal-mozzjoni jirrilata ma' deċiżjoni li kienet ittieħdet mill-Kunsill bħala l-Gvern Lokali u li għaldaqstant għandha tiġi sostnuta f'din il-leġislatura.*

*43.8.7 Il-Kunsillier Emanuel Briffa semma li l-Kunsill irid ikun ukoll responsabbli biex jara li d-deċiżjonijiet li jieħu ma joħolqux inkwiet u li għaldaqstant jara li l-validita tal-mozzjoni.*

*43.8.8 Il-Viċi Sindku Joseph D'Amato esprima l-opinjoni tiegħu illi l-Kunsill għandu jieħu ċertu żmien biex jasal għal konklużjoni u li bħalma seħħ dwar temi oħra, din il-proposta tista tiġi diskussa f'aktar dettall fil-leġislatura li jmiss.*

*43.8.9 Il-Kunsillier Antonia Farrugia tat rendikont ta kif wasal biex ingħata l-isem ta' Misraħ ir-Repubblika u li dan hu l-frott tal-kompromess li kien intlaħaq fiż-Żurrieq fis-sebgħinijiet u li jkun ħażin li dak li sar dak iż-żmien jinbidel, filwaqt li aċċennat ukoll li l-Kunsill għandu jkun parteċipattiv fil-festi taċ-ċentinarju, saħansitra li b'involviment ta' attivitajiet f'Jum iż-Żurrieq.*

*43.8.10 Is-Sindku għalaq id-diskussjoni dwar il-mozzjoni billi semma li hu fl-interess tal-Kunsill li tirrenja l-għaqda fiż-Żurrieq u li din tkompli bħalma seħħ matul dawn l-aħħar snin.*

*43.8.11 Meta ntalab il-vot, irriżulta li kien hemm 4 voti FAVUR, 2 voti KONTRA u astenzjoni waħda.*

*43.8.12 Wara talba għal division mill-Kunsillier Mario Ellul irriżulta li l-voti favur kienu tas-Sindku, l-Kunsillier Antionia Farrugia, l-Kunsillier Emanuel Briffa u l-Kunsillier Mark Spiteri.*

*43.8.13 Il-voti kontra kienu tal-Kunsillier Mario Sammut u l-Kunsillier Mario Ellul.*

*43.8.14 L-astenzjoni kienet tal-Viċi Sindku Joseph D'Amato.*

*43.8.15 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fid-9.30 ta' filgħaxija.*

*Konfermati, illum _____ ta' Frar, 2005*

*Ignatius Farrugia*
***Sindku***

*Adrian Mifsud*
***Segretarju Eżekuttiv***